MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2015

Numru. 19/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Luca Valente**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Luca Valente, ta’ 21 sena, bin Mario u Lucia nee Ossena, imwieled Noto Sqallija, u residenti Flat 9 Maryville, Triq San Luigi, Msida u detentur ta’ karta ta’ identita Taljana AR1117407

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-23 ta’ Jannar, 2015 u fl-ghaxar xhur ta’ qabel din id-data;

a) Ipproduca, biegh jew xort’ohra ttraffika ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkustanzi li juru li ma’ kinietx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Aktar talli f’dawn il-Gzejjer fit-23 ta’ Jannar, 2015 u fi snin ta’ qabel din id-data;

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 8(a)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Ordni ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali tieghu li hija netta. Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 li ghandu jigi japplikat fil-konfront ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a)(b) u 29 tal-Kpaitolu 101tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija u multa ta' elfejn Euro (€2,000). Peress li l-oggetti esebieti jista' jkunu rikjesti bhala prova f'proceduri ohra li jistghu jittiehdu kontra terzi l-Qorti f'dan l-istadju mhux qed tordna d-distruzzjoni taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------